# IL-FORKA FIL-FLORIANA

MINN NIGEL HOLLAND

Wieħed mill-aspetti anqas pjaċevoli tal-istorja tal-Floriana jirrigwarda l-forka - l-għodda ta' esekuzzjoni l-aktar popolari f'Malta fi żmien meta kienet għadha teżisti l-piena kapitali għal reati serji, l-aktar dak ta' qtil. Il-Floriana tant kienet sinonima għal żmien twil mal-forka li sal-lum għadna nsibu x-xaqliba tal-Floriana li tagħti għal fuq il-Port ta' Marsamxett bħala 'Taħt il-Forka'.

Fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann il-forka kienet fuq dak il-blat f'tarf il-Port il-Kbir fejn ngħidulu r-Rikażli. Fi żmien l-Universita` tal-Imdina, il-Gvern ta' dari, billi l-Qorti kienet fil-belt il-qadima, dawk li kienu jiġu kkundannati kienu jdendluhom jew fuq is-Saqqajja, jew fejn għadna sal-lum ngħidulu Pjazza Forok, ir-Rabat tal-Imdina.

### *Is-sit eżatt tal-forka fil-Floriana*

Joseph Galea fil-ktieb tiegħu F'ġieħ il-ħaqq : id-delitti kriminali, 1800-1900 jgħidilna li meta l-Kummissarju Ingliż Ball ittrasferixxa l-Qorti mill-Imdina għall-Belt Valletta, fil-Klistanija, dawk li kienu jiġu kkundannati għall-mewt kienu jdendluhom fuq il-glacis tal-Floriana, fejn illum hemm il-Monument tal-Gwerra, fl-inħawi li kienu magħrufa bħala, It-Tomba jew Tat-Tripunti, billi hemm tliet swar ħerġin 'il barra qishom tliet ponot.*1

Din it-tagħrifa dejjem ħawditni ftit għax iż-żona li aħna l-Furjaniżi nsibuha bħala 'Taħt il-Forka' hija kemxejn imbiegħda minn fejn Joseph Galea indika s-sit tal-forka, jiġifieri flok il-Monument tal-Gwerra.

Riċentement, iżda, iltqajt mal-ktieb ta' Mario Schiavone Il-qtil tal-Furfiċetta u ġurijiet oħra fejn l-awtur jgħid li l-forka kienet tintrama fil-post fejn hemm il-Lintorn Barracks u s-swar ta' taħt Beltissebħ*2 u dan jidher li hu aktar kompatibbli maż-żona msemmija għax hija proprju ż-żona ta' taħt dan is-sit li alluda għaliha Schiavone li aħna l-Furjaniżi nsibuha bħala 'Taħt il-Forka'.

Min għandu raġun bejn Joseph Galea, li jsostni kemm-il darba li s-sit indikat minnu kien is-sit tal-forka, u Mario Schiavone ma nistax ngħid eżatt u tkun xi ħaġa mill-aktar interessanti u importanti għall-istorja li jinqala' xi ħadd li jkollu l-provi meħtieġa biex jindikalna eżatt fejn kienet tintrama l-forka fil-Floriana.

Ta' min jinnota li Joseph Galea jgħidilna wkoll li l-Furjaniżi kienu talbu lill-Gvernatur biex il-forka ma tibqax issir hemm, jiġifieri, skont l-istess Galea, fejn illum hemm il-Monument tal-Gwerra, għax ħtija ta' dik l-inkonvenjenza d-djar ta' biswitha u fil-qrib, kienu kollha vojta u ħadd ma ried jgħix fihom. Xi minn daqqiet, l-aktar fil-każ ta' dawk li ma kinux Kattoliċi u allura ma kinux assistiti mir-Rużarjanti, kienu jħallu l-imgħallaq qisu minsi, jitbandal mar-riħ fuq il-forka.*3

Issa f'dan il-każ, l-eqreb bini dak iż-żmien kien fejn illum hemm il-loġoġ ta' Triq Sant'Anna li jiġu kantuniera ma' Triq Pietro Floriani, u l-loġoġ ta' pariġġhom fuq in-naħa l-oħra, jiġifieri l-eqreb bini kien daqsxejn imbiegħed mill-forka.

Jekk, min-naħa l-oħra, wieħed jaċċetta t-teżi ta' Mario Schiavone, l-eqreb bini għall-forka kellu jkun dak ta' Triq Vincenzo Dimech li, fil-fatt, kien possibilment eqreb lejn il-forka mill-bini ta' Triq Sant'Anna jekk wieħed jagħmel paragun ma' dak li jsostni Joseph Galea.

Aktar 'l isfel, meta nittrattaw il-proċessjoni li kienet ssir biex twassal l-ikkundannat għad-destin finali tiegħu, ser nerġgħu niflu dak li kitbu Joseph Galea u Mario Schiavone fir-rigward tas-sit tal-forka, dak li kiteb il-Furjaniż Emmanuel S. Tonna u anki kitba riċentissima ta' Dr. Raymond Mangion.

### *Lejn id-destin finali*

Niġu issa għall-esekuzzjoni tal-ikkundannati. Wara li tingħata s-sentenza tal-mewt mill-Qorti, il-ħati kien jgħaddi tlett ijiem kappella, u jinżamm fil-ħabs. Dawn il-ġranet kienu jissejħu "kappella" għaliex fihom il-ħati kien jisma' prietki u meditazzjonijiet bi tħejjija għall-mewt.

Aktarx li l-aktar ħin umiljanti għall-priġunier fl-aħħar sigħat ta' ħajtu kien ikun meta jasal il-ħin biex jeħduh mill-ħabs għal fuq il-forka. Ftit sigħat qabel kienu jiħduh bil-proċessjoni, mat-toroq tal-Belt. It-toroq kollha mnejn tgħaddi din il-proċessjoni, u s-swar tal-Belt u dawk ta' fejn il-Floriana, kienu jkunu miżgħuda bin-nies, daqs li kieku kienet festa.

Il-proċessjoni kienet tibda mill-Klistanija, fi Triq il-Merkanti, x'ħin jaslu l-fratelli tal-Konfraternita` tar-Rużarjanti, li jkunu telqu

mill-Parroċċa ta' Portu Salvu, u tibda ħierġa mat-tokki mbikkija tal-qanpiena tal-ħabs.

Quddiem nett kien ikun hemm il-Gran Visconte riekeb fuq iż-żiemel, bħala simbolu tal-Ġustizzja. Warajh sew kien jimxi l-assistent tal-bojja li xogħlu kien li f'kull kantuniera mnejn tgħaddi l-proċessjoni jdoqq il-fanfara. Imbagħad kienet tiġi l-Fratellanza tar-Rużarjanti, wara s-salib u żewġ lanterni, merfugħin minn tnejn mill-imseħbin lebsin il-konfratija bajdanija, wiċċhom mgħotti u bil-kappell qisu t-trespikos.

Warajhom kien ikun hemm l-ikkundannat, imdawwar minn għadd ta' żbirri, marbut b'tarf il-ħabel m'għonqu u ma jdejh, u bit-tarf l-ieħor tal-ħabel miżmum mill-bojja li kien jimxi warajh jew ħdejh sewwa.

Mill-ħabs tal-Klistanija, fit-triq tal-Ganċ, kienu jinżlu għal Triq San Pawl, fuq ix-xellug, u jibqgħu mexjin sa Triq San Felice, wara s-suq, iduru għal Triq Il-Merkanti dejjem fuq ix-xellug, u jibqgħu sejrin għal quddiem San Ġwann u minn hemm għal Triq San Ġorġ fuq ix-xellug, sa Putirjal.

Il-proċessjoni kienet tgħaddi minn tliet bibien tal-fortifikazzjonijiet li llum għad fadal minnhom wieħed biss, dak ta' Bieb il-Belt. It-tnejn l-oħra kienu jgħidulhom ta' *St. Madeleine demi-lune* u tal-Madonna tal-Karmnu li kien fejn illum hemm dak li qabel kien magħruf bħala l-Ġnien tal-Papri.

Il-proċessjoni kienet tibqa' għaddejja għal wara l-Mall, tilwi għal *Quarantine Sally Port gate* (fejn illum hemm lukanda) u tasal sa fuq il-glacis fejn jgħidulu Tat-Tripunti. Hawn kienet tibda ċ-ċerimonja tal-forka.

X'ħin l-iġġustizzjat kien ikun ilu mdendel ftit, u ruħu tkun diġa` marret fl-eternita`, kienu jħaffru ħofra, jew fossa, iniżżlu l-katavru, jitfgħuh fiha u jordmuh.

Xejn ma kien jixhed fejn kienu midfuna l-imgħallqin: la salib u anqas mafkar. F'dik il-fossa, bejn is-snin 1807 u 1825, indifnu 21 ruħ. Sena wara, donnu li kien inħass li d-dfin tal-imgħallqin kellu jkollu aktar sens u sentiment umanitarju. Bdew jidfnu fiċ-ċimiterju, almenu art ikkonsagrata, meta kien intgħażel lokal ieħor barra Bieb il-Bombi.*4

F'dan ir-rakkont ta' Joseph Galea t'hawn fuq dwar il-proċessjoni li kienet takkumpanja l-ikkundannat lejn il-forka jeżistu xi diskrepanzi fosthom li fl-istess ktieb fejn tinsab din il-kitba hemm pjanta li turi r-rotta tal-proċessjoni li ma taqbilx mad-deskrizzjoni li ta l-awtur stess u hawnhekk nerġgħu niġu lura għall-argument ta' fejn eżattament kienet tintrama l-forka għax anki Emmanuel S. Tonna ma jidhirx li jaqbel ma' Joseph Galea.

Tonna jgħid li ż-żona ta' fejn tinsab il-Grand Hotel Excelsior hija assoċjata mal-Forka, tant li jisimha *Taħt il-Forka*. Ikompli li l-Ġonna tal-Hotel Phoenicia issa jsebbħu il-post fejn kienet tintrama l-Forka, li kien imsejjaħ il-Quarantine Sally Port u magħruf popolarment bħala Tat-Triponti*5 jew, kif niżżilha Galea, Tat-Tripunti.

Jiġifieri li Tonna, għalhekk, ukoll mhux qiegħed jaqbel ma' Galea li l-Forka kienet tintrama fejn illum hemm il-Monument tal-Gwerra u saħansitra lanqas jaqbel ma' Galea fejn kienet tinsab iż-żona magħrufa bħala Tat-Triponti għax, għal Tonna, il-Quarantine Sally Port u Tat-Triponti kienu l-istess ħaġa filwaqt li jidher li għal Galea kienu distinti minn xulxin.

Fuq ħaġa waħda jaqblu Tonna u Galea, jiġifieri li fejn kien hemm il-Quarantine Sally Port kienet telgħet lukanda, li hija l-Hotel Phoenicia.

Fil-verita`, Tonna lanqas jaqbel ma' Schiavone wkoll fuq is-sit eżatt tal-Forka għalkemm, bħal Schiavone, ipoġġiha ħafna aktar qrib iż-żona magħrufa bħala Taħt il-Forka milli poġġiha Galea.

Niġu issa għal dak li kiteb riċentement Dr Raymond Mangion. Dr Mangion jgħid li l-glacis magħruf bħala "Tat-Tripunti" jinsab bejn il-bastjun ta' San Ġwann u dak ta' San Mikiel fil-front tal-art li tħares fuq il-Port ta' Marsamxett, u ħa ismu mit-tliet swar jew "kontrogwardji" taħt xulxin u ppuntati b'gardjola fit-tarf u li wieħed jista' jammira minn ħdejn il-lukanda Excelsior. Ritratt li jakkompanja l-kitba ta' Dr Mangion juri parti mis-swar u l-gardjola in kwistjoni li jiġu taħt il-Hotel Phoenicia.*6

Allura jekk naċċettaw li t-tgħalliq kien isir fuq il-glacis magħruf bħala Tat-Tripunti, kif sostnew Tonna u Galea, allura s-sit tal-forka verament kien jinsab qrib iż-żona magħrufa bħala Tat-Tripunti, joħroġ ċar li min-naħa tiegħu Galea ta indikazzjoni totalment żbaljata ta' fejn kien jinsab il-glacis magħruf bħala Tat-Tripunti u, għalhekk ukoll, ta indikazzjoni totalment żbaljata ta' fejn kienet tintrama l-forka, jiġifieri ċertament mhux fejn illum jinsab il-Monument tal-Gwerra.

Dr. Mangion jikkontrarja lil Galea anki fuq punt ieħor għax filwaqt li Galea kiteb li dawk li kienu jkunu ġustizzjati fil-Floriana kienu jindifnu taħt il-forka stess, Dr Mangion sostna li l-ikkundannati kienu jindifnu fil-glacis Tat-Tripunti fi żmien l-Ordni (meta fil-Floriana kienu għadhom ma bdewx isiru esekuzzjonijiet u allura din forsi kemxejn stramba) u, kontra dak li jgħid Galea, ikompli li din id-drawwa nqatgħet mal-miġja tal-Ingliżi.

Għalhekk, għad irid jinqala' xi ħadd li jistabilixxi eżattament u mingħajr dubju fejn kienet tintrama l-Forka fil-Floriana għalkemm l-akbar indikazzjonijiet juru, jekk wieħed jagħsar dak kollu li kitbu l-erba' awturi li kkwotajna, li din kienet tintrama fejn illum hemm il-Ġonna tal-Hotel Phoenicia.

### *It-tgħalliq - spettaklu pubbliku*

Lura għall-esekuzzjoni tal-ikkundannati, Joseph Galea jgħidilna li xi drabi dak li kien ser ikun iġġustizzjat kienu jistaqsuh jekk iridx jgħid xi ħaġa qabel jorbtulu l-ingassa ma' għonqu. U kien hemm min jagħmel speċi ta' prietka. L-istorja, skont Galea, tgħid li wara "prietka" li kien għamel Ġuże' Grech ftit minuti qabel dendluh fis-sena 1825, kienet qamet għagħa fost il-poplu, u l-Gvern kien ordna li ma jistgħux isiru aktar dawk il-"prietki" mill-ikkundannati.*7

Mario Schiavone, mill-banda l-oħra, jgħid li filwaqt li l-ikkundannat kien jgħid xi ħaġa qabel l-esekuzzjoni kien is-saċerdot li jkun qed jakkumpanjah li jagħmel il-prietka u dawn il-prietki ġew sospiżi mill-awtoritajiet wara prietka minn patri li kien qed jakkompanja lil Grech u mhux minn Grech innifsu. Schiavone ttratta dan il-każ partikolari ta' Grech fit-tul u, fost affarijiet oħra, jgħid li dan baqa' jipprotesta l-innoċenza tiegħu, wara li nstab ħati tal-qtil ta' ħuh stess, sal-aħħar nifs u kien anki wasal biex ikkonvinċa lill-patri li kien qed jassistih mill-innoċenza tiegħu.

Il-folla kbira li nġemgħet fil-post resqet fil-viċin biex tisma' s-solita prietka u dawk li kienu fuq quddiem setgħu jaraw sew id-dmugħ iġelben ma' ħaddejn il-Patri Kapuċċin filwaqt li beda jqaħqaħ biex jaġġusta l-vuċi tiegħu.

"Ħuti għeżież, f'okkażjoni bħal din hu soltu li nkellimkom dwar il-ħażin tal-ħajja bla rażan u l-ħaqq li jsir mal-ikkundannat meta jiġi mgħallaq. Iżda llum ma nistax ma nimxix ma' dak li qed tiddettali l-kuxjenza tiegħi u ngħid li dan ir-raġel għadda ħajtu fil-ħażen u llum sar ħaqq miegħu. ... dan ir-raġel li l-lum ħallas b'ħajtu l-ogħla piena tal-liġi, dan ir-raġel kien innoċenti u nqatel intortament. ... L-aħħar kliem li qal lili - il-konfessur tiegħu - kienu: "Jiena innoċenti.' Ebda bniedem ma għandu l-ħila jigdeb hekk vilment meta jaf li jinsab wiċċ imb wiċċ mal-Ħallieq u jien nemmen li Ġużeppi Grech ma gidiblix."

Meta l-Kapuċċin spiċċa l-prietka qasira tiegħu fost il-folla kien hemm min ħassu skandalizzat b'dak li kien għadu kif sema'. Oħrajn marru jirraportaw lill-Gvernatur il-kliem ftit jew xejn stramb li kienu għadhom kif semgħu. Il-ġustizzja kienet skandalizzata u wieħed seta' jantiċipa dak li kien ser jiġri u ngħidu li din kienet l-aħħar darba li saret prietka waqt okkażjoni bħal din.*8

Inċidenti bħal dawn u oħrajn li ser naraw aktar 'l isfel, meta nittrattaw fuq uħud minn dawk li kienu ġew mgħallqa fil-Floriana, kienu jżidu aktar sfumaturi sensazzjonali ma' dak li għall-poplu ta' dak iż-żmien kien bħal speċi ta' spettaklu kbir. Kemm dawn l-esekuzzjonijiet li kienu jsiru fil-pubbliku kienu avveniment kbir u ta' attrazzjoni daqstant kbira għall-poplu, minkejja li kienet attrazzjoni makabra u suppost ta' qsim il-qalb, joħroġ ċar minn rapport ta' kummissarji mibgħuta Malta mill-Gvern Ingliż fl-1838 biex jirrapportaw fuq il-qagħda tal-gżira, fejn fil-parti ddedikata lill-Pulizija ta' Malta, insibu li kull meta kien hemm ikun xi esekuzzjoni bit-tgħalliq fil-Floriana kienu jintbagħtu suldati tar-Royal Malta Fencible Regiment, reġiment Malti li kien anki jagħmel xogħol ta' pulizija, immexxija minn erba' fizzjali - kaptan, subaltern, surġent, kapural - u mhux anqas minn 70 suldat u suldat ieħor idoqq it-tanbur. Meta mqabbel ma' attivitajiet oħra li hemm elenkati f'lista ta' dmirijiet straordinarji oħra mwettqa minn dan ir-reġiment fir-rwol tagħhom ta' pulizija, bħal festi, tiġrijiet taż-żwiemel, etc., wieħed isib li kien waqt it-tgħalliq li kien ikun preżenti l-akbar stakkament ta' suldati.*9

Irid jingħad li l-proċessjoni twila tal-ikkundannat mill-Qorti għall-post tal-esekuzzjoni fil-Floriana ukoll kienet isservi ta' spettaklu kbir għall-poplu.

### *Il-bojja*

Il-forka teħtieġ il-bojja biex tagħmel xogħolha. Kien hemm bojja barrani li b'xi mod ukoll kien daħal fl-istorja tal-Floriana u tal-knisja prinċipali tagħha ddedikata lil San Publju.

L-aħħar bojja ta' żmien l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann kien Zaccaria Abate, barrani li miet fis-sena 1802. Il-Maltin qatt ma kienu

jaqbdu dan il-mestier għax kienu jistkerrħuh.

Hawn daħal fix-xena ċertu Francesco Mariano, Naplitan, li kien qed jistenna li jgħadduh ġuri għax kien seraq lampier tal-fidda mill-knisja ta' San Publju fil-Floriana fil-lejl ta' bejn il-15 u s-16 ta' Settembru 1802.

Huwa vvolontarja li jagħmilha ta' bojja biex idendlu lil Salvu Farrugia, tal-Isqallija, bil-kundizzjoni li jaħfrulu. Ma kienx għamel wisq għax wara li għallqu lil Farrugia ntlaqat hu wkoll mill-fizzjal tar-reġiment tan-Naxxar waqt li dan kien qed jagħti l-coup de grace lill-katavru ta' Farrugia u waqa' mejjet hu wkoll.

Laħaq għallaq wieħed biss, lil Salvu Farrugia, li kien ukoll l-aħħar wieħed li ġie mgħallaq ir-Rabat.

### *L-imgħallqin ġol-Floriana*

L-ewwel esekuzzjoni bit-tgħalliq li saret fil-Floriana kienet fit-18 ta' Settembru 1807. L-ikkundannati kienu Giuseppe Camilleri, bil-laqam Pajlić, Għawdxi, ta' 40 sena u Giovanni Scerri, imlaqqam Gwangedun, minn Ħal Tarxien, ta' 22 sena li kienu ġew mixlija ma' tliet persuni oħra bil-qtil ta' Dun Alwiġ Decelis, qassis min-Naxxar, ta' 75 sena, f'daru stess wara li kienu daħlu jisirquh fil-lejl tal-5 ta' Frar 1806. Erbgħa mill-ħames akkużati kienu nstabu ħatja tal-qtil iżda wara li appellaw is-sentenza kienet ikkonfermata fuq it-tnejn imsemmija fuq biss.

Fil-każ ta' Camilleri, kienet ikkonfermata wkoll is-sentenza li wara t-tgħalliq rasu kellha tinqata' minn ġismu u titqiegħed fuq kolonna, fejn tidher, fit-triq il-kbira tar-raħal fejn ħdejh twettaq id-delitt.

Dendlu lill-*Pajlić* u lill-*Gwangedun* fil-Floriana, kif għedna, nhar it-18 ta' Settembru 1807.

Imbagħad, skont is-sentenza, ras il-Pajlić inqatgħet minn ġismu, ħaduha n-Naxxar u qegħduha fuq kolonna tal-ġebel biex isservi ta' naffara għan-nies ta' qattagħni.*10

Din kienet l-ewwel minn sensiela ta' esekuzzjonijiet ħorox, b'elementi makabri, li kellha tassisti għalihom il-Floriana u, nistħajjel għalhekk, il-kotra tal-Furjaniżi.

Kien hemm okkażjonijiet fejn l-esekuzzjonijiet ħadu żvolta drammatika. Każ minnhom kien meta kellhom jitgħallqu Marozz Spiteri u Mikiel Dimech, imlaqqam ta' Pilatu, li ġew mixlija bħala kompliċi b'serq aggravat bi vjolenza, li kienet iġġorr magħha piena kapitali, f'żewġ okkażjonijiet.

Wara s-smigħ tax-xhieda kollha, il-Qorti kkundannat lil Spiteri u lil Dimech għall-mewt.

Lil Spiteri dendluh fid-29 ta' Lulju 1822.

Fuq il-forka waslet l-aħbar li s-sentenza tal-mewt ta' Dimech kienet ġiet mibdula f'ħabs għal għomru, marbut bil-ktajjen ma' saqajh. X'ħin qalulu b'din il-maħfra, ġegħluh ibus il-forka.*11

Esekuzzjoni unika li saret fil-Floriana kienet dik ta' Wenzu Bonanno, Ċikku Farrugia u Wiġi Darmanin, nhar it-3 ta' Frar 1830. Dawn kienu nstabu ħatja tal-qtil ta' Vincenzo Cucciardi f'ġuri li mhux biss kien l-ewwel wieħed tax-xeħta tiegħu imma kien ukoll uniku fl-istorja kriminali fejn tliet akkużati, wara li nstabu ħatja, ingħataw il-piena tal-mewt.

L-esekuzzjoni tat-tliet kundannati, kif issemma, kienet l-unika darba li tliet kundannati tneħħew f'ġurnata waħda. Għalhekk kienu nġabru ħlejjaq kbar ta' nies minkejja li dakinhar kienet għamlet ħafna xita.

Aspett ieħor uniku tal-esekuzzjonijiet li seħħew fil-Floriana kienet l-esekuzzjoni ta' Giovanni Fedele ta' 18-il sena minn Tas-Sliema, li ġie mgħallaq flimkien ma' Paolo Laus ta' 22 sena mill-Belt fil-21 ta' Mejju 1832 wara li nstabu ħatja tal-qtil tal-prostituta Grazzja Grech, u dan għax Giovanni Fedele kien l-iżgħar ikkundannat li ngħata l-forka f'pajjiżna.

Każ interessanti ieħor huwa ta' Ġulju Frendo, li dendluh fil-Floriana nhar l-14 ta' Diċembru 1835 wara li nstab ħati tal-qtil ta' Ġamri Mifsud fin-Naxxar. Ġulju Frendo kien wieħed mill-ikkundannati li ma riedx jirkeb fuq il-karretta kif kienu soltu jagħmlu dawk ikkundannati għall-mewt waqt il-proċessjoni twila li kienet twassalhom sal-forka. Qabel il-forka, l-ikkundannat talab maħfra lill-poplu ta' dak li kien għamel, u wissa kontra l-kumpanija ħażina filwaqt li stqarr li din kienet il-kaġun tal-mewt li kienet qed tistennieh.*12

Esekuzzjoni oħra li qajmet ferment kbir kienet dik ta' Hamet, bin Mabruk, ta' 28 sena, imwieled Susa, neofita (Tork mgħammed), aktar magħruf bl-isem ta' Pawlu Azzopardi, li kien instab ħati tal-qtil ta' Marija Baldacchino, ta' 24 sena, magħrufa bil-laqam ta' Il-Furfiċetta, prostituta, nhar it-23 ta' Lulju 1851.

X'ħin tala' fuq it-taraġ tal-forka, fil-Floriana it-Tnejn filgħodu l-1 ta' Settembu 1851, Hamet bies il-Kurċifiss darbtejn u talab maħfra 'l Alla. Imbagħad dar fuq il-poplu u qal "Itolbu għalija, u jien nitlob għalikom". Kien hemm miġbura folla ta' madwar ħmistax-il elf ruħ.

L-aħħar tgħalliq li sar fil-Floriana kien wieħed doppju, ta' Salvu Farrugia, imlaqqam Il-Vuldieri, ta' 50 sena minn Ħal Għaxaq u Salvu Saliba, imlaqqam Iz-Zozz, ta' 64 sena, mill-Gudja, misjuba ħatja tal-qtil ta' Ċikku Theuma.

Dendluhom fil-Floriana nhar il-Erbgħa, 7 ta' Diċembru 1853, filgħodu. Saliba, Iz-Zozz, qabel miet stqarr li hu kien ħati ta' bosta delitti oħra.

Il-ħabs il-ġdid ta' Kordin issa kien lest, u dawk kollha li ġew ikkundannati wara kienu jitneħħew fil-ħabs.

Il-lista kollha ta' dawk li ġew mgħallqa fil-Floriana hija din:

18.09.1807 - Giuseppe Camilleri, imlaqqam Pajliċ, Għawdxi, ta' 40 sena, u<br>
Giovanni Scerri, imlaqqam Gwangedun, minn Ħal Tarxien, ta' 22 sena<br>
04.08.1810 - Giuseppe Liborio Castagna, minn Salerno, l-Italja<br>
20.06.1812 - Mohammed Bona, mill-Marokk, ta' 20 sena<br>
13.12.1812 - Bartolomeo Esposito, Naplitan<br>
12.12.1814 - Giovanni Zerafa, imlaqqam Il-Ħesrem<br>
27.10.1819 - Ġorġ Mallia, imlaqqam Il-Bieżel, ta' 40 sena, minn Ħal Qormi<br>
27.10.1821 - Ċikku Caruana, imlaqqam Il-Felliki<br>
Ġużepp Scicluna, imlaqqam Il-Burina<br>
29.07.1822 - Marozz Spiteri<br>
08.03.1823 - Nicola Mattera, magħruf ukoll bl-isem ta' Giovanni Marchetti, ta' 28 sena, minn Ischia<br>
16.05.1825 - Ġużepp Grech, min-Naxxar<br>
22.02.1826 - Wensu Attard,<br>
Mikiel Curmi<br>
03.01.1829 - Xmun Grech<br>
Indri' Farrugia<br>
03.02.1830 - Wenzu Bonanno, imlaqqam Tal-Belt jew Żebbeġ għajnu, ta 45 sena<br>
Ċikku Farrugia, imlaqqam Tax-Xaħxieha, ta 50 sena<br>
Wiġi Darmanin, imlaqqam ta' Pupul, ta' 32 sena<br>
21.05.1832 - Giovanni Fedele, ta' 18-il sena, minn Tas-Sliema<br>
Paolo Laus, ta' 22 sena, mill-Belt<br>
14.12.1835 - Ġulju Frendo, ta' 33 sena, imlaqqam Ta' Minka, min-Naxxar<br>
01.09.1851 - Hamet, bin Mabruk, sive Pawlu Azzopardi, ta' 28 sena, imwieled Susa<br>
07.12.1853 - Salvu Farrugia, imlaqqam Il-Vuldieri, ta' 50 sena, minn Ħal Għaxaq<br>
- Salvu Saliba, imlaqqam Iz-Zozz, ta' 64 sena, mill-Gudja*13

### *Għeluq*

Sakemm il-Floriana baqgħet isservi ta' post għall-esekuzzjoni, ġew iġġustizzjati fil-lokalita` tagħna mhux anqas minn 25 ruħ permezz tal-forka fuq medda ta' 46 sena, medja ta' ftit aktar minn persuna kull sentejn u, għalhekk, il-forka kienet parti mill-ħajja tal-Furjaniżi ta' dari u mhux ta' b'xejn ukoll li l-Furjaniżi ta' dak iż-żmien taw isem popolari lill-akkwata qrib fejn kienet tinsab il-forka - Taħt il-Forka - liema isem baqa' nieżel minn ġenerazzjoni għal ġenerazzjoni ta' Furjaniżi u għadu magħna sal-lum, minkejja li għaddew aktar minn

150 sena minn mindu tbandlu 'l hawn u 'l hinn l-iġsma mejta tal-aħħar żewġ ikkundannati li ġew iġġustizzjati fil-Floriana.

**Ċertament li din tal-forka mhix l-isbaħ parti mill-istorja tal-Floriana, iżda trid tiġi rrakkontata wkoll għax, kif għedna, ħalliet tali impatt li sal-lum għadna nsemmuha kull meta nkunu qed nirreferru għax-xaqliba tal-Floriana li għadha sservi wkoll ta' post ta' rikreazzjoni ta' tant familji Furjaniżi partikolarment fix-xhur sajfin.**

Riferenzi

*1 Joseph Galea, F'ġieħ il-ħaqq : id-delitti kriminali, 1800-1900, Assoċjazzjoni tal-Pulizija, 1982, p. 29

*2 Mario Schiavone, Il-qtil tal-Furfiċetta u ġurijiet oħra, Indipendenza, 1997, p. 22

*3 Joseph Galea, F'ġieħ il-ħaqq : id-delitti kriminali, 1800-1900, Assoċjazzjoni tal-Pulizija, 1982, pp. 29-30

*4 Ibid., pp. 32-34

*5 Emmanuel S. Tonna, Final focus on Floriana : a collection of essays, Malta, 1979, p. 117

*6 Raymond Mangion, Kont taf li ... f'Ktieb tal-festa u storja Furjaniża, Knisja Arċipretali ta' San Publju Floriana, 2010, pp. 20-21

*7 Joseph Galea, F'ġieħ il-ħaqq : id-delitti kriminali, 1800-1900, Assoċjazzjoni tal-Pulizija, 1982, pp. 29-30

*8 Mario Schiavone, Il-qtil tal-Furfiċetta u ġurijiet oħra, Indipendenza, 1997, pp. 8-9

*9 Copies or extracts of reports of the commissioners appointed to inquire into the affairs of the island of Malta, and of correspondence thereupon. : part III : (in continuation of parl. papers, nos. 141.-I. & 141.-II., sess. 1837-8, ordered to be printed, 16 February 1838.) : [presented to parliament by Her Majesty's command] : ordered, by The House of Commons, to be printed, 27 March 1839. p. 22

*10 Joseph Galea, F'ġieħ il-ħaqq : id-delitti kriminali, 1800-1900, Assoċjazzjoni tal-Pulizija, 1982, pp. [37], 41-42

*11 Ibid., pp. 49-50

*12 Edward Attard, Delitti f'Malta : aktar minn mitejn sena ta' omiċidji 1800-2007, Book Distributors, 2008, pp. 404-406, 148-150, 544-555

*13 Joseph Galea, F'ġieħ il-ħaqq : id-delitti kriminali, 1800-1900, Assoċjazzjoni tal-Pulizija, 1982, pp. 41-62

General
Engineering Ltd.
Supplies & Services



NOEL VELLA
Engineering Works
Triq il-Gadrajja, Albert Town,
Marsa, Malta

Tel: (+356) 21236547
Fax: (+356) 21251075
Mob: (+356) 79499496
Email: emavel@maltanet.net

We supply
Single & 3 phase Electric Motors
Bearing Units All Range & Sizes
Reduction Gear Boxes Angle
& Straight Drive Full Range